

Brussell, 5 ta' April 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0390(COD)

7192/1/19
REV 1 ADD 1

CODEC 627
VISA 55
PREP-BXT 104
COMIX 144

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa, fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit (UK):

- jilqa' l-fatt li din il-miżura tipprovdi ċertezza għaċ-ċittadini Brittaniċi, inkluż dawk f'Ġibiltà.
- jiċċad il-mod kif ġiet ippreżentata u kull karatterizzazzjoni ta' Ġibiltà bħala kolonja.
- huwa ċar li l-Kostituzzjoni ta' Ġibiltà tippredvi relazzjoni moderna u matura bejn ir-Renju Unit u Ġibiltà. Dan huwa status politiku li ġie ddeterminat liberament min-nies ta' Ġibiltà, u bħala tali r-referendum dwar dik il-Kostituzzjoni fl-2006 rappreżenta eżerċizzju tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni.

- itenni ċ-ċertezza tiegħu mis-sovranità tiegħu fuq Ġibiltà kollha kemm hi u jiċħad il-karatterizzazzjoni ta' dan l-istrument li hemm "kontroversja" dwar is-"sovranità ta' Ġibiltà" li mhix il-pożizzjoni tiegħu u hija inkonsistenti mad-dikjarazzjonijiet li saru f'kull strument preċedenti tal-UE.
- ma jaqbilx li l-lingwaġġ għandu jirreferi għad-deċiżjonijiet tan-NU b'rabta ma' Ġibiltà li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni importanti tal-ivvjaġġar mingħajr viża, filwaqt li jistabbilixxi preċedent li ma jgħin xejn li b'mod mhux adatt jiġu "impurtati" nuqqasijiet ta' qbil li posthom huwa fl-ambitu tan-NU.
- jinnota barra minn hekk li l-lingwaġġ fil-fatt ma jirriflettix b'mod korrett id-deċiżjonijiet annwali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li huma maqbula bil-kunsens tar-Renju Unit u Spanja, u l-aktar waħda reċenti ġiet inkluża hawn isfel bħala referenza*.
- huwa tal-fehma li kien ikun iżjed adatt li jintuża lingwaġġ adattat mill-abbozz ta' Protokoll dwar Ġibiltà tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li kemm ir-Renju Unit kif ukoll l-UE (inkluż Spanja) qablu dwaru: "Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit rigward is-sovranità u l-ġurisdizzjoni"
- jiddispijaċih li l-approċċi tiegħu għal Spanja biex tiġi żviluppata formulazzjoni aktar adatta ma ġewx reċiprokati.

* Deċiżjoni annwali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (2018):

"L-Assemblea Ġenerali, filwaqt li tfakkar fid-deċiżjoni 72/520 tagħha tas-7 ta' Diċembru 2017:

- (a) Thegħġeg lill-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, biex filwaqt li jagħtu kas tal-interessi u l-aspirazzjonijiet ta' Ġibiltà li huma leġittimi skont id-dritt internazzjonali, jaslu, fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Novembru 1984, għal soluzzjoni definittiva għall-kwistjoni ta' Ġibiltà, fid-dawl tar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali u l-prinċipji applikabbli, u fl-ispirtu tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

- (b) Tieġu nota tax-xewqa tar-Renju Unit li jkompli bil-Forum għal Djalogu trilaterali;
- (c) Tieġu nota tal-pożizzjoni ta' Spanja li l-Forum għal Djalogu trilaterali m'għadux jeżisti u għandu jiġi sostitwit b'mekkaniżmu ġdid għal kooperazzjoni lokali fejn in-nies ta' Campo de Gibraltar u dawk ta' Ġibiltà jkunu rappreżentati;
- (d) Tilqa' l-isforzi li saru minn kulħadd biex jissolvew il-problemi u jsir progress fi spirtu ta' fiduċja u solidarjetà, sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni u jsir progress fl-oqsma ta' interess reċiproku lejn relazzjoni msejsa fuq id-djalogu u l-kooperazzjoni."
